**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Jannar, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 620/2006 AF**

**Joseph Borg**

**u b'digriet tal-Qorti tal-15 ta' April 2009, il-Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-atti favur Vincent u Maria konjugi Borg**

**u b'digriet tas-6 ta' April 2016, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li l-atti jigu trasfuzi f'isem Vincent Borg u dan stante l-mewt ta' Mary Borg**

**vs**

**Godwin Borg**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Joseph Borg, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fil-21 ta' Dicembru 1993 l-attur flimkien ma' martu Giovanna, illum mejta, dahal f'kuntratt pubbliku (redatt fl-atti tan-Nutar John Debono), kopja informi hawn annessa u mmarkata

Dokument "A") mal-konvenut (iben l-attur) fejn, inter alia, gie miftiehem bejn il-partijiet kontendenti illi:

Il-konvenut jikkonsititwixxi a favur tal-attur u ta' martu (illum mejta) rendita' vitalizja ta' hamest mitt liri Maltin (Lm500) fis-sena pagabbli taht il-forma ta' servigi li l-konvenut irid jipprestita lill-attur u lill-martu fosthom tindif, preparazzjoni tal-ikel, irqad bil-lejl maghhom u s-servigi u l-kuri l-ohra kollha mehtiega minnhom kemm kuljum kif ukoll minn zmien ghal zmien, skond l-istat ta' sahha tal-attur u martu.  L-imsemmija rendita' vitalizja hija pagabbli mill-konvenut fl-intier taghha sad-data tal-mewt tas-superstiti fost l-attur u martu.

B'korrispettiv ta' dina r-rendita vitalizia, l-attur u martu assenjaw lill-konvenut il-lok tad-dar li tinsab fil-Mellieha, Triq Dun Frangisk Sciberras, numru disa u erbghin ittra A (49A) b'bieb iehor fuq Triq Francis Zahra numru tlieta ittra E (3E) bl-oggetti u mobili kollha ta' go fiha a limine intus, kollox inkluz u xejn eskluz.

L-attur, flimkien mal-mejta martu, irrizervaw a favur taghhom, id-dritt, sal-mewt tas-superstiti fosthom, tal-uzu u l-abitazzjoni gratwita tal-imsemmija lok ta' dar trasferit lill-konvenut permezz tal-istess kuntratt.

Kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, wara l-15 ta' Ottubru 1994, id-data tal-mewt ta' mart l-attur, l-attur beda jigi ittrattat b'mod hazin hafna mill-konvenut tant li l-konvenut sahansitra spicca biex nhar it-Tlieta is-27 ta' Settembru 2005 kecca lill-attur mid-dar tar-residenza tieghu.  B'hekk il-konvenut kiser diversi mill-obbligi mposti fuqu bis-sahha tal-imsemmi kuntratt tal-21 ta' Dicembru 1993 billi inter alia waqaf milli jipprestita s-servigi u kuri imsemmi kuntratt tal-21 ta' Dicembru 1993 billi inter alia waqaf milli jipprestita s-servigi u kuri imsemmija fl-istess kuntratt tant li l-attur irid bilfors jimpjega l-ghajnuna ta' terzi biex dawn irendulu s-servigi u l-kuri necessarji li, skond l-imsemmi kuntratt, kellhom jigi rezi lilu mill-konvenut.

Inoltre, minhabba l-agir abbuziv tal-konvenut, l-attur ma jistax igawdi l-uzu ta' l-imsemmija dar ta' residenza tieghu, u lanqas ma jista' jabita go fiha.

Ghal diversi ragunijiet inkluzi dawk ta' sahha u trankwilità mentali tal-attur mhuwiex il-kaz li l-attur jerga' jirritorna fl-imsemmija dar ta' residenza biex jghix ma' ibnu u l-attur, ghalhekk, huwa kostrett, ghall-bqija ta' hajtu, illi jsib post alternattiv biex jabita, apparti l-bzonn li jimpjega s-servizzi tat-terzi biex iduru bih.

Billi l-konvenut naqas milli jonora obbligazzjonijiet tieghu versu l-attur, kif kien obbligat li jaghmel skond l-imsemmi kuntratt u billi minhabba l-agir abbuziv u illegali tal-konvenut, l-attur ma jistax igawdi mid-dritt li ghandu bis-sahha tal-istess kuntratt ta' uzu u abitazzjoni tal-imsemmija dar, l-konvenut ghandu jirrispondi fil-konfront tal-attur ghad-danni lil-attur bata, li ghadu qed ibati u li sejjer ikollu jbati konsegwenza tan-nuqqasijiet kuntrattwali u l-abbuzi u l-illegalitajiet ohra kommessi mill-konvenut.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut naqas milli jipprestita lill-attur is-servigi u muri kif kien obbligat illi jaghmel skond l-imsemmija tal-kuntratt pubbliku tal-21 ta' Dicembru 1993 (Dok. A).

2. Tiddeciedi u tiddikjara li minhabba l-agir abbuziv u illegali tal-konvenut, l-attur ma jistax igawdi mid-dritt li ghandu bis-sahha tal-istess kuntratt tal-21 ta' Dicembru 1993 (Dok. A) ta' uzu u abitazzjoni tal-imsemmija dar li tinsab fil-Mellieha, Triq Dun Frangisk Sciberras, numru disa' u erbghin ittra A (49A), b'bieb iehor fuq Triq Francis Zahra nurmu tlieta ittra E (3E).

3. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli versu l-attur ghad-danni li sofra u li ghadu qed isofri u li ghad irid isofri l-attur konsegwenza tal-imsemmija nuqqasijiet kuntrattwali, u l-abbuzi u l-illegalitajiet ohra kommessi mill-konvenut.

4. Tillikwida d-danni sofferti, li qed isofri u li ghad irid isofri l-attur konsegwenza tal-istess ksur kuntrattwali u tal-agir abbuziv u illegali kommess mill-konvenut, occorendo b'opera ta' perit nominandi.

5. Tikkundanna l-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma hekk kif likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti skond id-domanda precedenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tas-sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-att u bl-imghax kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Godwin Borg li permezz tagħha eċċepixxa illi:

It-talbiet tar-rikorrenti huma kollha inveritjieri u infondati kemm fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante li l-intimat qatt ma naqas fl-obbligi kontrattwali tieghu.

Sussegwentement u bla pregudizzju ghall-premess ma hemm ebda danni x'jigu likwidati a favur ir-rikorrenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' Godwin Borg li permezz tagħha kkonferma illi:

L-esponenti jichad kategorikament kull allegazzjoni imressqa mir-rikorrent bhala infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Ir-rikorrent, kemm ferm qabel il-kuntratt in kwistjoni kif ukoll wara l-istess kuntratt iddedika hajtu ghall-genituri tieghu b'mod assolut – b'dedikazzjoni u imhabba izda anke b'sagrificcju kbir personali. Dan il-fatt mhux biss jixhdu l-esponenti izda hbieb ir-rikorrent, it-tfal ta' hbieb ir-rikorrent, girien, qassisin u tobba, "nurses", hut l-esponenti, neputijiet u

kull min zar lir-rikorrent fid-dar f'Dun Frangisk Sciberras, Mellieha.

L-esponenti implimenta kull obbligazzjoni nexxenti mill-kuntratt mertu tal-kaz, b'mod assolut u rigoruz u b'dedikazzjoni.

Ir-rikorrent qatt ma kien jilmenta dwar l-attenzjoni u kura li kien jircevi minghand l-esponenti, la ma l-esponenti stess u lanqas ma jew tramite terzi li kienu jzuruh; fejn seta facilment jiftah qalbu jekk verament kellu xi lmenti partikolarment f'hinijiet u mumenti privati.

Il-kwistjonijiet kollha bdew jinqalghu proprju meta hu l-esponenti Vincent (li kien emigra) irritorna lura Malta. Beda jaghmel allegazzjoijiet, iqajjem u jorkestra kwistjonijiet bla bazi ta' xejn. Fil-fatt kien l-istess Vincent Borg li nehha lill-rikorrenti mid-dar u poggih go "home" u fixkel lill-esponenti milli jzuru fl-istess "home" u li jippresta s-servigi tieghu skond il-kuntratt.

L-esponenti qatt ma kecca lir-rikorrenti mid-dar anzi meta hu l-esponenti nehha lir-rikorrenti mid-dar dejjem offrilu li jmur lura meta jrid.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri tal-konvenut Godwin Borg li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gja moghtija fir-risposta guramentata tieghu, it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew l-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur Joseph Borg, li miet fil-mori tal-proċeduri, qiegħed jitlob lill-Qorti ssib lill-konvenut responsabbli għad-danni kkawżati lilu minħabba l-inadempjenza tal-istess konvenut fl-obbligi kuntrattwali tiegħu lejn l-attur defunt, kif ukoll minħabba abbużi u illegalitajiet li l-attur jgħid li kienu kommessi mill-konvenut fil-konfront tiegħu. Il-konvenut laqa' għat-talbiet attriċi billi eċċepixxa li t-talbiet tal-attur huma kollha inveritiera u infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa qatt ma naqas fl-obbligi kuntrattwali tiegħu. Huwa eċċepixxa wkoll illi għalhekk ma hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati favur l-attur.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-konvenut Godwin Borg huwa iben l-attur defunt Joseph Borg. Permezz ta' kuntratt pubbliku datat 21 ta' Diċembru 1993 fl-atti tan-Nutar John Debono, il-konvenut ikkostitwixxa favur l-attur u martu, jiġifieri missieru u ommu, ir-rendita vitalizja ta' Lm500, illum €1165, fis-sena, sad-data tal-mewt tagħhom pagabbli fil-forma ta' serviġi lill-istess attur u martu. Dawn is-serviġi ġew deskritti hekk fil-kuntratt imsemmi: *'tindif, preparazzjoni tal-ikel, irqad bil-lejl maċ-ċedenti u s-serviġi u l-kuri l-oħra kollha meħtieġa miċ-ċedenti kemm kulljum kif ukoll minn żmien għal żmien, skond l-istat ta' saħħithom.'* B'korrispettiv ta' din ir-rendita` vitalizja, l-attur u martu assenjaw u ttrasferew a favur binhom il-konvenut il-lok ta' djar li jinsab fil-Mellieħa bin-numru 49A, Triq Dun Frangisk Sciberras, b'bieb ieħor bin-numru 3F fi Triq Francis Zahra. Fl-istess kuntratt ġie ddikjarat ukoll illi l-attur u martu, bil-kunsens tal-konvenut, kienu qegħdin jirriservaw a favur tagħhom, id-dritt sal-mewt tas-superstiti fosthom, tal-użu u abitazzjoni gratuita tal-lok ta' djar imsemmija.

Mart l-attur defunt mietet fl-14 ta' Ottubru 1994 u għalhekk minn dakinhar l-attur baqa' jgħix waħdu mal-konvenut fir-residenza msemmija. L-attur defunt jgħid illi wara l-mewt ta' martu l-konvenut ma baqax jitrattah sew jew jieħu ħsiebu kif kien obbligat li jagħmel skont il-kuntratt tal-21 ta' Diċembru 1993 u peress li huwa jgħid li l-konvenut kemm il-darba qallu sabiex jitlaq mid-dar, nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru 2005 l-attur defunt telaq mid-dar fejn kien joqgħod mal-konvenut u mar jgħix f'dar tal-anzjani. L-attur defunt jinsisti li għalhekk huwa ġie mkeċċi mir-residenza tiegħu fejn kien jgħix mal-

konvenut filwaqt illi l-konvenut jiċħad li huwa qatt keċċa lill-attur mid-dar. Il-konvenut jiċħad ukoll li huwa lill-attur defunt qatt ittrattah ħażin jew li naqas milli jieħu ħsiebu kif kien obbligat illi jagħmel. Jirriżulta mill-provi wkoll illi l-attur defunt kien nieqes mid-dawl u avvanzat sew fl-età fiż-żmien in kwistjoni b'dan illi kien kważi kompletament dipendenti fuq l-għajnuna tal-konvenut. Peress li fi Frar tal-2004 l-attur defunt kien sofra minn *stroke* żgħir, minn dak iż-żmien sakemm baqa' jgħix mal-konvenut kienet iżżuru infermiera darba fil-ġimgħa sabiex taħslu u tassistieh fil-bżonnijiet mediċi tiegħu.

Permezz tar-risposta ulterjuri tiegħu, il-konvenut eċċepixxa li t-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 u/jew l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Artikolu 2153 jipprovdi li l-azzjoni għall-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn filwaqt li artikolu 2156(f) jipprovdi li l-azzjoni għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, taqa' bil-preskrizzjoni ta' ħames snin meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni iqsar jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku.

Fis-sottomissjonijiet tiegħu l-attur jiddikjara li qiegħed jitlob ukoll ir-radd lura ta' nofs il-pensjoni li l-attur defunt kien jirċievi iżda li skont hu l-konvenut kien iżomm għalih, minkejja l-ftehim bejn il-partijiet li l-konvenut iżomm biss nofs il-pensjoni tal-attur defunt filwaqt li n-nofs l-ieħor jgħaddih lill-istess attur defunt. Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li l-artikolu tal-preskrizzjoni applikabbli f'dan il-każ huwa l-artikolu 2156(f) imsemmi. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut m'hijiex applikabbli għall-bqija tat-talbiet attriċi.

Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjduta fl-ismijiet John Grech vs Ivan Mifsud, deċiża fl-1 ta' April 2003:

> "*Illi għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għamil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt (l-hekk*

*imsejħa culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn, prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili; u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettiq ta' kuntratt mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin;*

*Illi għalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, minbarra li ma taplikax għall-ħsara maħluqa minn għemil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata ħsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali*.'

Huwa stabbilit fl-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili li '*Bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."*

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mario Testa vs Alfred Theuma et tat-12 ta' Mejju 2003 qalet hekk:

*"Kif jinsab ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet "**Diego Attard et nomine –vs- Angelo Fenech**", Appell Kummercjali, 15 ta' Frar 1965, "l-impossibilta` li wiehed jagixxi trid tkun impossibilita` indipendenti mill-volonta` tieghu, dovuta ghal kawza estranea, li huwa ma setax jirrimwovi. Is-semplici injoranza tad-dritt, fiha nfisiha, mhiex impediment ta' din ix-xorta".*

*Fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "**Paolo Koludovich –vs- Carmelo Muscat**", Appell Kummercjali, 1 ta' Gunju 1959 u "**Joseph Chircop et –vs- Salvatore Muscat noe**", Appell, 28 ta' April 2000.*

*L-appellant ma gab l-ebda raguni valevoli ta' xi sospensjoni tal-preskrizzjoni jew ta' att interuttiv taghha. Lanqas ta' xi rinunzja ghall-istess preskrizzjoni eccepita. Kif lanqas ma jista' fil-kaz konkret jistrieh fuq l-aforizma "contra non valentem agere non currit prescriptio". Principju li kif akkolt mill-gurisprudenza taghna jaghti lok ghal konservazzjoni tal-jedd kontra l-estinzjoni tal-azzjoni fil-kaz ta'*

*impediment ta' dritt. Skond l-insenjament tal-Giorgi ("Obbligazione" Vol. VIII p594) l' "initium praescriptionis" jibda mill-"exordium obligationis", cjoe minn meta l-kreditu jibda jsir esigibbli."*

Fil-każ tal-lum ma jirriżulta l-ebda ksur tal-preskrizzjoni kif iridu d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili u lanqas li l-attur kien fl-impossibilta` indipendentament mir-rieda tiegħu li jaġixxi qabel kontra l-konvenut. Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens illi t-talbiet attriċi, sa fejn jolqtu r-radd lura ta' nofs il-pensjoni li l-attur irċieva qabel is-7 ta' Lulju 2001 huma preskritti bid-dekors ta' ħames snin skont l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

Dwar il-mertu, il-Qorti jirriżultalha li din il-kawża tistrieħ fuq il-kredibiltà tax-xhieda u fuq l-apprezzament illi din il-Qorti trid tagħmel prinċipalment fuq id-deposizzjonijiet tagħhom. Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Joseph Tonna vs Philip Azzopardi deċiza nhar it-12 t'April 2007 fejn ingħad illi:

*(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova ta' l-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (<u>actori incumbit probatio</u>), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta il-pretiża ta' l-attur (<u>reus in excipiendo fit actor</u>). Ara* ***Kollez. Vol. XLVI P I p 5****;*

*(2) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, "jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi ta' l-attur hija sostenuta" (****Kollez. Vol. XXXVII P I p 577****);*

*(3) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi iuxta alligata et probata, u dan jimporta illi d-deċizjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bazi tad-domanda jew ta' l-eċċezzjoni u l-*

*provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ipprovat;*

*(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalita`, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' revizjoni. Ara, b' ezempju, **Kollez. Vol. XXIV P I p 104**;*

Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilaq, deċiza fit-30 t'Ottubru 2003:

*"Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kritrju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti ghall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawża "**Farrugia vs Farrugia**", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li*

*minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo"*."

Il-konflitt tal-provi hija xi ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibiltà u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq bilanċ ta' probabiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għaliex dawn, f'kawżi ċivili huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Farrugia vs Farrugia, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966).

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb pro et noe tat-3 ta' Lulju 2003, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Frar 2009, ingħad li:

"*Kif inghad, ir-responsabbilita' ghad-danni tista' tkun wahda minn zewg tipi – (i) dik maghrufa bhala responsabbilita' contrattuale u (ii) dik maghrufa bhala responsabbilita' extra contrattuale jew aquiliana. Dawn iz-zewg tipi ta' responsabbilita' ghad-danni ghandhom numru ta' differenzi bejniethom, fosthom – (i) l-oneru tal-prova; (ii) l-effetti guridici; u (iii) it-terminu entro liema l-azzjoni ghad-danni, nascenti mit-tip ta' responsabblita' specifika, ghandha tigi istitwita.*

*Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' contrattuale l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza se mai rrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll.*"

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża in ezami, sabiex l-attur jirnexxielu fl-ewwel talba tiegħu, irid jiġi stabbilit jekk huwiex

minnu li l-konvenut kien inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali tiegħu kif emerġenti mill-kuntratt ta' rendità vitalizja tal-21 ta' Diċembru 1993 u li permezz tieghu huwa assuma l-obbligazzjoni li jippresta serviġi a favur missieru.

Fir-rigward tal-allegat trattament ħażin li għalih jgħid li kien jissoġġetah il-konvenut, l-attur defunt jistrieħ prinċipalment fuq id-depożizzjoni tiegħu u dawk ta' ibnu Vincent Borg li huwa l-attur odjern, mart l-attur odjern Maria Borg, li mietet fil-mori tal-proċeduri u dik ta' Charles Borg, iben l-attur defunt u għalhekk ħu l-attur odjern.

Il-Qorti qieset id-depożizzjoni tal-konsulent psikjatra Dottor Peter Muscat li għamel eżami mentali tad-defunt Joseph Borg, u minkejja li m'hijiex tiddubita l-konklużjonijiet tiegħu dwar l-istat mentali tal-attur defunt, tqis li dan ma jeskludix indħil ta' terzi, għaliex il-konsulent imsemmi ma kienx preżenti meta ġie redatt l-affidavit u lanqas meta ngħata l-ġurament l-attur defunt.

Wara li eżaminat il-kontenut tal-affidavit u semgħet lill-attur jixhed in kontro eżami, il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax tistrih fuq il-verżjoni tal-attur defunt dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ. Filwaqt li l-attur defunt xehed b'mod dettaljat permezz tal-affidavit tiegħu dwar l-allegat trattament ħażin u theddid diretti lejh mill-konvenut u li saħansitra l-konvenut kien qallu sabiex jitlaq mid-dar kemm il-darba, in kontro eżami huwa jistqarr li lanqas biss jiftakar li qatt mar għand nutar sabiex jaħlef dan l-affidavit jew li ġie n-nutar biex jagħtih il-ġurament. Il-Qorti tinnota wkoll illi minkejja li mill-provi jirriżulta li l-attur defunt telaq mid-dar dakinhar tat-Tlieta, 27 ta' Settembru, 2005, fil-għodu, in kontro eżami l-attur defunt jgħid illi kienu l-Erbgħa wara nofs inhar meta telaq. B'żieda ma dan, u b'riferenza għall-inċident li jsemmi l-attur defunt fl-affidavit tiegħu li l-konvenut kien joqgħod jissemmalu xi jkun qed jgħid mal-ġirien meta kien ikun bil-qiegħda fuq l-għatba tal-bieb tad-dar, in kontro eżami huwa jgħid illi fil-fatt kienet mart l-attur odjern u ċjoe Maria Borg li kienet qaltlu li l-konvenut kien joqgħod jissemmalu. Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi l-attur defunt fil-kontro eżami tiegħu jikkonferma li kien hemm kwistjoni bejnu u bejn ibnu l-konvenut dwar raba' li tinstab il-Mistra.

L-attur defunt u l-atturi odjerni jsemmu diversi stanzi ta' abbuż u trattament ħażin li huma jgħidu li l-konvenut kien jissoġġetta lill-attur defunt għalih.  Jghidu illi iħallieh mingħajr ikel u xorb, jittraskura l-iġjene personali tal-attur defunt u jittraskura t-tindif tad-dar fejn kienu jgħixu u kif ukoll theddid u abbuż psikoloġiku.

Charles Borg, li jiġi iben l-attur defunt, u allura ħu l-konvenut, jgħid illi missieru kien jilmenta miegħu li l-konvenut kien sikwiet jitrattah ħażin.  Minkejja li jsemmi inċident vjolenti li seħħ fir-residenza tal-konvenut u l-attur defunt fejn il-konvenut allegatament waddablu siġġu u kkawżalu xi ġrieħi, u anke jgħid illi kien għamel rapport l-għassa dwar dan l-inċident, dan ir-rapport qatt ma ġie esibit.  Fiċ-ċirkostanzi, u ċioè li l-konvenut jiċħad illi kien huwa li kkawża ġrieħi lil ħuħ iżda li kien ħuħ li ħebb għalih, il-Qorti ma tqisx illi l-verżjoni ta' dan ix-xhud hija aktar kredibbli minn tal-konvenut.

Mix-xhieda tal-attur odjern Vincent Borg u ta' martu defunta Maria Borg jirriżulta li fil-maġġor parti l-allegazzjonijiet li jagħmlu kontra l-konvenut huma bbażati fuq dak li allegatament kien qalilhom l-attur defunt Joseph Borg bħal ma huma l-allegazzjonijiet li l-konvenut ma riedx lil missieru d-dar u li l-konvenut hedded lil missieru li ser '*ixerred id-demm*', kif jgħid l-attur odjern fix-xhieda tiegħu quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2008.

Il-Qorti ma tqisx illi hija verosimili l-verżjoni tal-attur odjern u martu Maria Borg li l-konvenut kien ilu jissoġġetta lill-missieru għat-trattament ħażin li jsemmu għall-snin sħaħ.  Fil-fatt, kienet l-attriċi defunta Maria Borg stess li fl-ittra tagħha indirizzata lill-konvenut u datata 24 ta' Settembru 2000[1] qalet hekk:

> "*Nispera li kemm int u missierek tajbin.  Kelli bżonn nibda niekol healthy bħal missierek (...)*' u '*Il-Bambin miegħek u j'Alla jieħu ħsiebek u ipattilek li qed tagħmel ma missierek.*"

1 Kopja a fol. 481 et seq tal-proċess

Il-verżjoni li jaghtu l-attur odjern u martu li l-konvenut kien jissoġġetta lill-attur defunt għal trattament li jammonta għal vjolenza domestika tikkontrasta bil-qawwi mal-verżjoni li ta l-konvenut, li hija ssostanzjata bix-xhieda ta' diversi persuni kemm familjari kif ukoll barranin, u kif ukoll in-numru ta' dokumenti prinċipalment fil-forma ta' korrispondenza bejn il-konvenut u diversi familjari tal-partijiet u numru ta' ritratti li kollha jixhdu li l-attur defunt kien jgħix ħajja sodisfacenti mal-konvenut.

Il-Qorti ma tistax tinjora l-verżjoni tal-fatti li ngħataw mhux biss mill-familjari l-oħra tal-konvenut u l-attur defunt, kemm dawk li jgħixu Malta u kemm dawk illi sikwiet kienu jiġu għal xi żjara minn barra, iżda wkoll ta' diversi ġirien, qassisin li kienu jżuru lill-attur defunt, u l-infermiera li kienet iżżur lill-attur defunt darba fil-ġimgħa, li kollha jikkonfermaw li d-dar kienet tinżamm nadifa, l-attur defunt kien ikun nadif u mlibbes sew u aktar minn hekk li l-attur defunt kien jidher kuntent u qatt ma kien lissen kelma li m'huwiex kuntent bit-trattament ta' ibnu jew li kien qiegħed iħallih nieqes minn xi ħaġa.

B'żieda ma dan jirriżulta wkoll li l-konvenut kien saħansitra ħa ħsieb jirranġa l-bankina ta' quddiem id-dar biex l-attur defunt ikun jista' jimxi fuqha mingħajr perikolu.

Il-Qorti ma tistax tinjora l-kliem ta' tifħir ta' diversi xhieda li ressaq l-konvenut, kif lanqas ma tista tinjora l-kontenut tal-ittri li kienu jibgħatulu l-familjari tiegħu minn fejn jirriżulta li l-konvenut kien maħbub minnhom u anke ammirat għad-dedikazzjoni tiegħu lejn missieru.

Il-Qorti lanqas ma tippretendi li l-konvenut ma setax joħroġ mid-dar sabiex jiddeverti kull tant żmien, minkejja l-obbligi tiegħu lejn missieru – b'daqshekk ma jfissirx illi kien qiegħed jitraskurah.  Vincent Borg fil-kontro eżami tiegħu fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2008 fil-fatt jikkonferma li f'dan il-każ il-konvenut kien iħalli l-ikel lil missieru.

Il-Qorti lanqas ma tista' tinjora il-kontenut tat-testment li kien għamel il-konvenut fis-sena 1994.  F'dan it-testment il-konvenut istitwixxa bħala eredi lill-ħuħ l-attur odjern u lill-

martu Maria Borg bil-kundizzjoni espressa li jibqgħu jduru b'ommu u missieru jekk dawn ikunu għadhom ħajjin. Din l-istipulazzjoni m'hijiex waħda ta' persuna li ma kienx dedikat lejn il-kura tal-ġenituri tiegħu.

Il-Qorti m'hijiex konvinta li l-attur defunt kien kostrett li jitlaq mid-dar fejn kien jgħix mal-konvenut minħabba vjolenza domestika jew xi abbuż u trattament ħażin ieħor tal-konvenut. Il-Qorti ssibha diffiċli biex temmen li l-attur defunt ma kienx jitkellem qabel dwar dan l-allegat trattament ħażin li jgħid li kien jissoġġettah għalih il-konvenut meta jirriżulta li kellu kull opportunita` jitkellem ma diversi membri tal-familja tiegħu kif ukoll ma terzi bħal ma huma l-ġirien u l-qassisin li kienu sikwiet iżuruh.

Fir-rigward tal-problemi li kellu l-attur defunt f'saqajh, il-Qorti qieset ix-xhieda tal-podoloġista Marco Delicata li spjega li meta nvista lill-attur defunt Joseph Borg f'Ottubru tal-2005 huwa sab illi d-dwiefer ta' saqajh kienu fi stat ħażin u li din is-sitwazzjoni, u ċjoe, li ma tteħditx ħsiebhom, kienet ilha tippersisti diversi snin.

Il-Qorti qieset ukoll l-affidavit ta' Anna Sammut li kienet taħdem bħala *carer* fid-dar tal-anzjani fejn mar jirrisjeda l-attur defunt wara li telaq mid-dar. Hija sostniet li meta l-attur defunt daħal fid-dar tal-anzjani wara li telaq mir-residenza fejn kien jgħix mal-konvenut, kien maħmuġ, bi ħwejjeġ imqattgħin u antiki u b'dentatura miksura. Hija ssemmi wkoll li difrejh ta' saqajh kienu jidhru li ma kinux qegħdin jiġu kurati.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti hija sodisfatta mill-provi prodotti li l-konvenut kien naqas fl-obbligi kuntrattwali tiegħu lejn l-attur defunt billi ttraskura s-saħħa u iġjene personali tal-attur defunt meta naqas milli jieħu ħsieb jew jitlob kura medika mingħand professjonisti fir-rigward tad-dwiefer ta' saqajh kif ukoll minħabba l-fatt illi meta telaq mid-dar tal-konvenut l-attur defunt instab illi kien ġie traskurat mill-konvenut, u għal din ir-raġuni l-ewwel talba attriċi ser tintlaqa'. B'dan illi l-Qorti tagħmilha ċara li minn imkien ma jirriżulta li din is-sitwazzjoni kienet ilha tippersisti mis-sena 1993 meta mietet mart l-attur defunt kif qiegħed jippretendi l-attur odjern kif lanqas ma

jirriżulta li l-konvenut kien jissoġġetta lill-attur defunt għal xi abbuż jew trattament ħażin ieħor.

Iżda l-fatt li l-konvenut naqas ghal xi zmien fl-obbligi kuntrattwali tiegħu f'dan ir-rigward ma jfissirx illi l-attur kellu dritt illi jitlaq mid-dar u jippretendi li l-konvenut jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li nkorra biex mar jgħix f'dar tal-anzjani. Il-Qorti ma jirriżultalhiex li s-sitwazzjoni li kien jgħix fiha l-attur defunt kienet waħda deplorabbli kif jippruvaw jaghtu x'jifhmu l-attur odjern u martu.

Fi kwalunkwe każ, il-Qorti kkunsidrat illi artikolu 1708 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi hekk:

> *"In-nuqqas biss tal-ħlas tal-annati magħluqa ma jagħtix lil dak li favur tiegħu jkun ġie kkostitwit il-vitalizju l-jedd li jitlob ir-radd tal-kapital, jew li jerġa' jidħol fil-pussess tal-ħaġa li tkun ġiet ittrasferita: hu m'għandux ħlief il-jedd li jitlob il-ħlas tar-renta magħluqa, u garanzija għall-ħlasijiet li jagħlqu 'l quddiem."*

Minn qari ta' dan l-artikolu huwa ċar illi l-attur f'dan il-każ kellu biss id-dritt li jitlob il-ħlas annwali miftihem ta' Lm500, llum €1165, u ċioè kemm ġie dikjarat li kienu jiswew is-serviġi li l-konvenut kellu jippresta lill-attur defunt, jew garanzija għall-ħlasijiet li jagħlqu 'l quddiem u mhux jitlaq mir-residenza tiegħu u jippretendi l-ħlas għas-serviġi li ma setax jipprestalu aktar il-konvenut jew jitlob rifużjoni ta' spejjeż oħra li huwa nkorra għaliex telaq mid-dar. Dan speċjalment meta kif diġa ngħad, il-Qorti hija tal-fehma li m'hu minnu xejn li l-konvenut kien jittrattah tant ħażin li l-attur defunt kien kostrett li jitlaq mid-dar, minkejja li l-attur ma kienx qiegħed jippresta s-serviġi kollha li kien obbligat li jippresta skont il-kuntratt tal-1993. Il-Qorti ma tistax taghti rimedji lill-attur li l-liġi ma tipprovdix. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Carmela Vella vs Maria Cauchi et, deċiża fl-10 ta' Jannar 2003 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-26 ta' Jannar 2007, il-kuntratt ta' vitalizju huwa regolat b'*lex specialis* u ċioè d-disposizzjonijiet tal-artikoli 1702 sa 1712 tal-Kodiċi Ċivili. It-triq miftuħa għall-konvenut kienet li jagħmel talba ġudizzjarja għall-arretrati jew garanzija għas-servigi li kien

għad jonqos li jippresta l-konvenut u mhux jagħmel talba għad-danni għaliex għażel li jitlaq mid-dar.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur jagħmel talba għall-ħlas tas-serviġi li kellhom jiġu prestati fis-sena 2005. In kwantu li l-Qorti stabbiliet li huwa minnu li l-konvenut kien qiegħed jonqos mill-obbligi tiegħu li jikkura lill-missieru ta' l-inqas f'dik is-sena li telaq mid-dar, il-Qorti sejra tillikwida d-danni li sofra l-attur fl-ammont ta' €874 u ċioè l-ekwivalenti għas-serviġi ta' disgħa xhur skont il-kuntratt tal-1993, in kwantu li l-attur defunt telaq mid-dar fl-aħħar ta' Settembru tal-2005.

Imiss issa li tiġi kkunsidrata t-talba għar-rifużjoni ta' nofs il-pensjoni tal-attur defunt. Jidher li din it-talba hija bbażata fuq l-allegazzjoni tal-attur defunt u l-attur odjern li l-konvenut kien iżomm il-pensjoni ta' missieru għalih u għalhekk ma kienx qiegħed jiġi onorat il-ftehim bejn l-attur defunt u l-konvenut fis-sens li l-konvenut iżomm biss nofs il-pensjoni ta' missieru.

Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri, deċiza fis-27 ta' Mejju 1970 fejn ingħad illi:

> *"bħala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti ċivili l-Qorti tirritjeni li, għalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur għandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju raġjonevoli jekk l-ammont għadux dovut jew le dan id-dubju għandu dejjem imur favur il-konvenut għax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-aħħar tal-kawza għax hu jallega d-debitu u kulħadd għandu jipprova l-allegazzjoni tiegħu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, ċioe' l-attur l-esiġibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa dejjem jimpera l-prinċipju "actore non probante reus absolvitur". L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tiegħu fuq il-prinċipju l-ieħor "reus in excipiendo fit actor", għax, jerġa' jingħad, l-oneru ċentrali tal-akkuża jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull każ*

> *ta' konflitt ikun faċli għall-attur jirbaħ avolja l-Qorti tibqa' sospiża fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu."*

L-attur odjern u l-attur defunt naqsu milli jressqu provi sodi u rassikuranti sabiex jissostanzjaw l-allegazzjonijiet tagħhom. Matul il-proċeduri l-konvenut dejjem ċaħad li huwa kien żamm xi flus ta' missieru mingħajr ebda jedd fil-liġi. Ma kienx biżżejjed li jixhed l-attur defunt u jgħid li l-konvenut ma kienx itih flus. Huwa veru li l-pensjoni tal-attur defunt kienet tidħol fil-kont bankarju tal-konvenut, bil-kunsens tal-attur, u għalhekk kif jikkonferma l-konvenut, hu u l-attur kienu 'but wieħed', iżda dan ma jfissirx neċessarjament illi l-konvenut kien qiegħed iżomm il-pensjoni ta' missieru għalih. Mill-provi prodotti mhux talli ma jirriżultax illi l-konvenut żamm il-pensjoni tal-attur mingħajr ebda jedd, iżda jirriżulta li l-pensjoni li rċieva wara li missieru telaq mid-dar ġiet ritornata lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali kif tixhed l-irċevuta a fol. 269 tal-proċess u ċertament ma jirriżultax illi żamm għalih il-pensjoni bejn is-27 ta' Settembru u l-5 ta' Novembru 2005 kif jgħid l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut li t-talbiet attriċi huma estinti bid-dekors ta' ħames snin skont l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili u dan limitatament għall-perjodi ta' qabel is-7 ta' Lulju 2001;

2. Tilqa' l-ewwel talba attriċi limitatament kif fuq intqal;

3. Tiċħad it-tieni talba attriċi;

4. Tilqa' t-tielet talba attriċi limitatament kif fuq intqal;

5. Tilqa r-raba' talba attriċi billi tillikwida d-danni li sofra l-attur defunt fl-ammont ta' tmien mija u erbgħa u sebgħin Ewro (€874) konsistenti f'serviġi li ma ġewx prestati lill-attur defunt;

6. Tilqa’ l-ħames talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur odjern bħala l-eredi tal-attur defunt is-somma ta’ tmien mija u erbgħa u sebgħin Ewro (€874) bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjeż tal-ewwel talba jitħallsu mill-konvenut filwaqt illi l-bqija tal-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.

IMHALLEF

DEP/REG